# Santa Katarina ta' Lixandra
## u l-Ordni tal-Predikaturi

Kitba ta' Br. Aaron Zahra O.P.

Fis-7 ta' Novembru 2015 l-Ordni tal-Predikaturi, beda ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew, fejn qed ifakkar it-800 anniversarju minn meta San Duminku talab għall-approvazzjoni tal-Ordni. Kien il-Papa Onorju III li fit-22 ta' Diċembru 1216 ta din l-approvazzjoni. Waħda mill-patruni ta' dan l-Ordni, li ilu jaħdem fil-Knisja biex ixandar il-kelma ta' Alla tul dawn it-800 sena, hija Santa Katarina ta' Lixandra. Permezz ta' dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-konnessjoni tal-Ordni Dumnikan u Santa Katarina.

L-iktar punt importanti għaliex Santa Katarina hija waħda mill-patruni tal-Ordni huwa l-fatt li Santa Katarina hija patruna tal-filosofi. Dan minħabba li Santa Katarina rnexxielha tiddefendi l-fidi Kristjana qud-



Il-Madonna tipproteġi l-Ordni Dumnikan

diem 50 filosofu ta' Massiminu, għax kienet mara mimlija bil-għerf u li baqgħet tgħożż il-fidi sal-aħħar mument ta' ħajjitha b'riżultat ta' dan irċeviet il-martirju.

Wieħed mill-pilastri importanti tal-ħajja Dumnikana huwa l-istudju. Fil-kostituzzjonijiet tal-Ordni nsibu li l-istudju għandu rwol importanti fil-ħajja reliġjuża Dumnikana. Għalhekk diġà nibdew naraw il-konnessjoni bejn Santa Katarina ta' Lixandra u l-Ordni Dumnikan. Apparti minn dan jekk inħarsu lejn diversi stejjer ta' dehriet tal-Madonna lill-patrijiet Dumnikani fil-bidu tal-Ordni, insibu li l-Madonna dejjem kienet tkun akkumpanjata minn Santa Katarina ta' Lixandra.

Waħda minn dawn id-dehriet l-iktar popolari hija dik tal-Kunvent tad-Dumnikani ġewwa Soriano fl-Italja. Fil-15 ta' Settembru 1530, hekk kif il-patrijiet kienu qed jinġabru biex jitolbu l-Matutin f'nofs ta' lejl, is-sagristan jilmaħ 3 nisa deħlin il-knisja, u hu kien ċert li l-knisja kienet imsakkra. Waħda minn dawn in-nisa staqsietu għal min kienet iddedikata l-knisja, u hu qalilha li hija ddedikata lil San Duminku. Issa minħabba li l-komunità kienet daqsxejn fqira kulma kien hemm fil-knisja kienet pittura ċkejkna ta' San Duminku mpittra fuq il-ħajt. Waħda minn nisa newwlitlu f'idejh pittura tal-kanvas imrembla u qaltlu biex inewwilha lis-superjur tal-komunità. Malli waslet f'idejn is-superjur, huwa fetaħha u sab li kienet pittura ta' San Duminku, u dak il-ħin stess mar iħaffef lejn il-Knisja biex jirringrazzja lil dawk it-tliet nisa, imma dawn it-tliet nisa ma dehrux fil-knisja minkejja li kienet imsakkra. Fil-lejl ta' wara, Santa Katarina dehret lil wieħed mill-



Pittura li turi d-dehra tal-Madonna flimkien ma' Santa Katarina ta' Lixandra u Santa Marija Maddalena ġewwa Soriano.

patrijiet li kien devot ħafna tagħha u qaltlu li l-pittura ngħatat lill-komunità mill-Madonna u li magħha kien hemm iż-żewġ protetturi tal-Ordni Dumnikan, jiġifieri hi u Santa Marija Maddalena.
Meta l-pittura tqiegħdet fil-pubbliku ġibdet ħafna devozzjoni, u bdew jinqalgħu ħafna grazzji. F'87 sena kien hemm iċċertifikati madwar 600 miraklu. Fil-fatt il-Papa Innoċenz XII fl-1644 iddikjara li għandha ssir festa biex tiġi kkommemorata din id-dehra tal-Madonna flimkien ma' Santa Katarina ta' Lixandra u Santa Marija Maddalena bl-għotja tal-pittura ta' San Duminku.
Insibu diversi rakkonti oħra speċjalment fuq il-ħajja ta' San Duminku mill-Beata Ċeċilja, soru Dumnikana. F'wieħed mir-rakkonti tagħha tgħid li darba wara li San Duminku qatta' lejl sħiħ jitlob fil-Knisja, daħal fid-dormitorju fejn kien hemm ħutu l-patrijiet u fit-tarf l-ieħor tad-dormitorju jara tliet nisa, waħda minnhom bis-satla u fuq in-naħa l-oħra mara li f'idejha kellha l-asperges li mbagħad tagħtu lil dik li kienet fin-nofs. U għaddew min-nofs tal-kamra u l-mara tan-nofs bdiet tbierek lill-patrijiet, imma lil wieħed mill-patrijiet ma berkitux. F'ħin minnhom San Duminku niżel għarkupptejh u talab lill-mara tan-nofs bil-ħerqa biex tgħidlu min hi. F'dak iż-żmien fil-kunventi ta' Ruma l-patrijiet u s-sorijiet ma kinux qegħdin ikantaw is-"Salve Reġina" imma kienu jgħiduha waqt li jkunu għarkupptejhom. U l-mara qaltlu, jiena dik li kull filgħaxija tgħidulha, "ejja mela Avukata tagħna dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena" u f'dak il-ħin jiena nagħmel prostrazzjoni quddiem Ibni Ġesù biex iwettaq dan l-Ordni. Imbagħad San Duminku staqsieha min huma dawk li kienu magħha, u qaltlu li huma Santa Katarina ta' Lixandra u Santa Ċeċilja. San Duminku wkoll staqsieha għalfejn ma berkitx wieħed minn uliedu, u qaltlu li sempliċiment ma jistħoqqlux, u wara kompliet tbierek il-kumplament tal-patrijiet.



Santa Katarina ta' Lixandra – Patruna tal-filosofi.

Dawn huma wħud mir-rakkonti tal-ġrajjiet li nsibu fil-bidu tal-Ordni tagħna li juru kemm Ommna Marija wkoll għandha rabta qawwija ma' dan l-Ordni li l-missjoni tiegħu hija li jxandar il-Kelma ta' binha Ġesù, u li jippromovi t-talba tar-Rużarju Mqaddes. Kif ukoll ikomplu juru r-rabta li kien hemm sa mill-bidu tal-Ordni Dumnikan ma' Santa Katarina ta' Lixandra. Fil-fatt f'diversi knejjes Dumnikani nsibu x-xbieha ta' Santa Katarina ta' Lixandra.
Jiena nixtieq nagħlaq dan l-artiklu biex nawguralkom li l-festa tkun żmien fejn nirriflettu kemm ħajjitna tixbah lil dik ta' Santa Katarina, li hija mudell ta' kif wieħed għandu jgħożż il-fidi Nisranija. Waqt li nitlobkom biex titolbu għall-Ordni Dumnikan, biex taħt il-ħarsien ta' Santa Katarina jkompli jxandar il-Kelma t'Alla u aktar żgħażagħ jingħaqdu ma' dan l-Ordni biex ikomplu l-missjoni li kien beda San Duminku 800 sena ilu.